**L.S … of 2025**

**L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI (KAP. 640)**

**Regolamenti dwar l-Istandards Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għal persuni bi ħtiġijiet ta' kura kronika u b'dipendenza għolja, 2025**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar l-Istandards Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għal persuni bi ħtiġijiet ta' kura kronika u b'dipendenza għolja, 2025.

Skop.
Kap. 640

**2.** Dawn ir-regolamenti, permezz tal-Iskeda, jelevaw l-Istandards Regolatorji għal Servizzi Residenzjali għal Persuni bi Ħtiġijiet ta' Kura Kronika u b'Dipendenza Għolja, għal status ta' liġi sussidjarja taħt l-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

Tifsir.

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliemma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 640.
"Att" tfisser l- Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani;

Kap. 640.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani kif stabbilita permezz tal-Att XXXVIII ta' 2023, l-Att dwar Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani;

"imġiba diffiċli" tfisser imġiba b'tali intensità, frekwenza, jew tul ta' żmien esibita mir-residenti li tiskatta minn fatturi intrinsiċi jew estrinsiċi, li għandha l-potenzjal li tikkawża ħsara fiżika, emozzjonali u/jew psikoloġika lir-residenti stess jew lil persuni oħra madwarhom. Din

l-imġiba x'aktarx tillimita jew timpedixxi l-aċċess għal ċerti servizzi jew faċilitajiet mingħajr appoġġ adegwat;

"drittijiet ċivili" tfisser id-drittijiet konferiti lil persuni permezz tal-liġijiet ta' Malta;

"indeboliment konoxxittiv" tfisser kundizzjoni, bħal iżda mhux limitata għal, puplesija, ħsara fil-moħħ, diżabilità fl-iżvilupp, disturbi deġenerattivi tal-moħħ, jew espożizzjoni għal sustanzi tossiċi, li tikkawża, temporanjament jew b'mod permanenti, diffikultajiet fil-funzjonijiet ta' kuljum bħall-memorja, il-konċentrazzjoni, il-fehim, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew il-komunikazzjoni, jew kwalunkwe diffikultajiet oħra li jistgħu jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tal-persuna;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li hija kwalifikata u liċenzjata biex twettaq attivitajiet speċifiċi, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istandards jew id-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet applikabbli, u li hija reġistrata mal-korp professjonali rilevanti;

"adattat għad-dimenzja" tfisser ambjent li jiżgura s-sigurtà ta' persuni li jgħixu bid-dimenzja u li jiffaċilita l-perċezzjoni u n-navigazzjoni għalihom, kif ukoll inaqqas ir-riskju ta' konfużjoni u aġitazzjoni u jinkoraġġixxi l-indipendenza;

"faċilità" tfisser il-binja minn fejn jiġu pprovduti servizzi ta' kura kronika ta' dipendenza għolja, u li nbniet apposta jew ġiet adattata biex takkomoda persuni anzjani bi ħtiġijiet ta' kura kronika u b'dipendenza għolja fit-tul. Il-binja għandu jkollha stallazzjonijiet u tagħmir adattati speċifikament għall-provvista ħolistika tal-kura u l-benesseri tar-residenti. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jiżgura li jiġu ssodisfati kwalunkwe obbligi rigward il-faċilità, inkluż każijiet fejn il-binja ma tkunx il-proprjetà tal-provditur tas-servizz;

"servizz ta' kura ġerjatrika" tfisser qasam speċjalizzat li jikkonċerna l-kura tas-saħħa, l-aspetti soċjali u l-ħtiġijiet preventivi ta' persuni anzjani, kemm fi stat ta' saħħa kif ukoll fi stat ta' mard. Is-servizzi ġerjatriċi jinkludu l-valutazzjoni, it-trattament u l-kura fuq perjodu qasir u fit-tul għal persuni anzjani b'kundizzjonijiet fiżiċi, indeboliment konjittiv jew dimensja, jew b'ħtiġijiet ta' appoġġ funzjonali. Dawn is-servizzi normalment jingħataw minn timijiet multidixxiplinari ta' professjonisti tas-saħħa li jkollhom kwalifiki speċifiċi u/jew kompetenza fil-proċessi tal-mard u l-korrimenti li jaffettwaw lill-persuni anzjani;

"servizzi għal kundizzjonijiet kroniċi b'dipendenza għolja" tfisser il-provvista ta' servizzi ta' kura medika,funzjonali, psikoloġika, soċjali, ambjentali u spiritwali għal persuni anzjani li għandhom bżonn kura kontinwa u fit-tulgħall-benesseri tagħhom. Kundizzjonijiet ta' kura kronika huma multidimensjonali, interdipendenti, kumplessi u kontinwiu jenħtieġu kura tas-saħħa u soċjali interdixxiplinarja, litinkludi kura medika speċjalizzata, ta' infermerija, dentistrija,nutrizzjonali, farmaċewtika, ta' podjatrija u servizzi terapewtiċioħra fir-residenza;

"rappreżentant maħtur legalment" tfisser persuna li tista' tiġi nominata mir-resident biex tinżamm infurmata dwar l-affarijiet personali tar-residenti u tieħu deċiżjonijiet jew taġixxi f'isem ir-residenti. Tali persuni ma jistgħux ikunu parti mill-maniġment jew mill-i*staff* tal-provditur tas-servizz. Ir-resident jista' wkoll jiġi assenjat kustodju mill-Bord dwar il-Kustodja f'liema każ ċerti deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-kustodju skont il-Kodiċi Ċivili;

"maniġment" tfisser persuni li jaġixxu f'isem il-provditur tas-servizz biex jipprovdu tmexxija lill-i*staff* u biex jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonament xieraq tas-servizzi offruti lir-residenti;

"persuna anzjana" tfisser persuna 'l fuq minn sittin sena;

"indikatur ta' prestazzjoni" tfisser azzjoni indikattiva, iżda mhux eżawrjenti, li l-provditur tas-servizz għandu jieħu sabiex ikun konformi mal-Indikatur ta' Kwalità assoċjat. L-Awtorità tista' temenda dawn fi kwalunkwe ħin u tista' wkoll toħroġ rakkomandazzjonijiet addizzjonali lill-provditur tas-servizz jekk jiġu osservati xi prattiki li jmorru kontra l-Indikatur ta' Kwalità;

"persuna li tgħix bid-dimenzja" tfisser persuna ddijanjostikata bid-dimenzja minn persuna kompetenti. Il-persuna tista' tesperjenza indeboliment konoxxittiv, ostakoli lingwistiċi jew diffikultajiet fil-komunikazzjoni minħabba din il-kundizzjoni li teħtieġ kura addizzjonali u/jew speċjalizzata;

"pjan ta' kura personali" tfisser dokument ibbażat fuq il-valutazzjoni ħolistika tar-resident li jispeċifika kif il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tar-resident se jiġu ssodisfati u jispeċifika wkoll ir-riżorsi u l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kura kronika kontinwi u fit-tul tar-resident;

"politiki u proċeduri" tfisser dokumenti maħruġa mill-maniġment li jirregolaw l-operazzjonijiet tas-servizz;

"portafoll" tfisser dokument li jiddeskrivi l-istorja u l-interessi tar-resident, li jippermetti lill-istaff li jaħdem mar-resident biex jifhmu bħala individwu;

"indikatur ta' kwalità" tfisser stqarrija li tistabbilixxi r-rekwiżiti biex tinkiseb konformità ma' Standard partikolari. L-Awtorità tista' toħroġ indikaturi ta' prestazzjoni biex iservu bħala linji gwida iżda hija r-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jiżgura li s-servizz liċenzjat jopera f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Indikatur ta' Kwalità;

"resident" tfisser persuna anzjana li ġiet iċċertifikata minn professjonisti mediċi bħala li għandha kundizzjonijiet ta' saħħa kronika, kemm jekk fiżiċi jew konoxxittivi, li jrenduha persuna b'dipendenza għolja u fil-bżonn ta' kura speċjalizzata;

"kura restrittiva" tfisser kwalunkwe mezz użat biex jipprevjeni ħsara jew periklu imminenti għall-utent tas-servizz jew għal ħaddieħor. Kull użu ta' kura restrittiva għandu jkun awtorizzat minn professjonist mediku u pprovdut biss minn persuni mħarrġa kif xieraq. Ir-rappreżentant maħtur legalment tal-utent tas-servizz għandu wkoll ikun meħtieġ li jagħti l-kunsens għall-użu tagħha u li jkun infurmat dwar l-użu tagħha;

"valutazzjoni tar-riskju" tfisser il-proċess ta' valutazzjoni tal-probabilità ta' effetti negattivi fuq is-sigurtà u s-saħħa tar-residenti, tal-i*staff* u ta' terzi persuni minn perikli jew in-nuqqas ta' influwenzi ta' benefiċċju. Huwa eżami sistematiku tal-aspetti kollha ta' dar ta' kura residenzjali jew tal-kapaċitajiet ta' individwu li jqis x'jista' jikkawża korriment jew ħsara; jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati jew inkella, x'miżuri preventivi jew protettivi hemm, jew għandhom jidħlu fis-seħħ biex jikkontrollaw ir-riskji;

"ftehim tas-servizz" tfisser ftehim bil-miktub bejn l-utent tas-servizz u l-provditur tas-servizz li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, il-ħlasijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizz, jekk ikun hemm, u t-termini u l-kundizzjonijiet u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet;

"provditur tas-servizz" tfisser persuna jew organizzazzjoni li jipprovdu u joperaw faċilità residenzjali u servizzi assoċjati ma' kura kronika fit-tul għal persuni anzjani. Fejn kwalunkwe aspett tas-servizz, inkluż l-ingaġġ ta' *staff* jew il-binja, jiġi esternalizzat jew sottokuntrattat, ir-responsabbiltà aħħarija biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha ta' dawn l-Istandards Regolatorji jiġu ssodisfati għandha tkun tal-provditur tas-servizz, anke meta s-servizzi jiġu pprovduti minn aġenzija esterna;

"*staff*" tfisser persuna li taħdem fil-faċilità, fejn waħda mir-responsabbiltajiet tal-persuna hija li tipprovdi lir-residenti b'appoġġ, kura soċjali, kura tas-saħħa jew personali, irrispettivament minn jekk il-persuna hijiex ikkumpensata jew kif hija kkumpensata, jew jekk il-persuna hijiex impjegata b'mod dirett mill-provditur tas-servizz jew permezz ta' entità oħra.

## SKEDA
## (Regolament 2)

### *Standard* 1: Id-Drittijiet tar-Residenti u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jippromwovi d-drittijiet bażiċi tar-residenti u l-azzjonijiet meħtieġa mill-provditur tas-servizz biex jiżgura li dawn jiġu rrispettati.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. L-għoti ta' informazzjoni:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li mal-ammissjoni, membru tal-istaff jew tal-maniġment jiltaqa' mar-resident il-ġdid u l-qraba tiegħu u r-rappreżentant maħtur legalment biex jispjega s-servizz u l-proċeduri tiegħu, u għandu jipprovdihom b'kopji tal-informazzjoni mogħtija dwar ir-residenza. Waqt li jgħixu fis-servizz, ir-residenti kollha għandhom jiġu pprovduti b'kull informazzjoni li jeħtieġu fir-rigward tal-kura tar-resident jew tas-servizz. L-informazzjoni kollha għandha tiġi pprovduta wkoll lill-qraba tar-resident u lir-rappreżentant maħtur legalment, u għandha tingħata bil-Malti jew bl-Ingliż, u f'format adattat.

2. Ir-rispett għall-privatezza u d-dinjità:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti jiġu kkurati b'mod sensittiv u rispettuż, u għandu jipprovdi skrining adegwat fi kmamar b'żewġ sodod jew aktar. Il-kura kollha għandha tingħata b'mod li jiżgura li l-privatezza u d-dinjità tal-persuna jinżammu f'kull ħin, inkluż matul l-għoti tal-kura tas-saħħa jew personali u waqt li tkun assistita biex tiċċaqlaq madwar u barra l-binja. Il-provditur tas-servizz huwa meħtieġ ukoll li jiżgura li kull xewqa li r-resident jew il-qraba tiegħu jew ir-rappreżentant maħtur legalment jesprimu rigward il-mod li bih

tingħata l-kura, jew minn min, tiġi rrispettata biex jiġi żgurat li l-persuna tkun komda u tħossha rrispettata. L-istaff għandu jkun konxju li s-servizz huwa d-dar tar-residenti u konsegwentement għandhom ikunu ħielsa minn indħil bla bżonn mill-istaff, minn residenti oħra jew minn terzi persuni.

3. Id-dritt li jinbnew u jinżammu r-relazzjonijiet:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti jkunu jistgħu jirċievu viżitaturi fil-binja, u jistgħu joħorġu mill-binja biex jagħmlu żjarat jekk ikunu jixtiequ, sakemm dan ma jkunx ġie kontraindikat minn professjonist mediku. Ir-residenti kollha għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-qraba tagħhom, ħbieb, u kwalunkwe persuni oħra, fil-privat u bi kwalunkwe mezz li jixtiequ jużaw.

4. L-affarijiet personali:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti kollha jitħallew iġibu magħhom, jew ġabu magħhom, affarijiet personali li jagħmlu l-ispazju tagħhom jinħass aktar familjari. Ir-residenti u l-qraba tagħhom u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment għandhom jiġu mgħarrfa minn qabel rigward kwalunkwe limitazzjonijiet fuq dawn l-affarijiet, minħabba restrizzjonijiet ta' spazju, biex jiġi evitat kontenut żejjed, u għal raġunijiet ta' sigurtà. Il-provditur tas-servizz huwa meħtieġ ukoll li jipprovdi lir-residenti bi spazju li jissakkar biex iżommu l-affarijiet personali, biċ-ċavetta tinżamm mir-resident, jekk jixtieq u l-ħila konoxxittiva tiegħu tippermetti dan. Għal skopijiet ta' ħżin sikur, ir-residenti jistgħu jgħaddu flus jew oġġetti ta' valur lill-provditur tas-servizz, f'liema każ għandha tinħareġ irċevuta u l-oġġetti jinżammu msakkra sakemm jintalbu lura mir-resident jew il-qraba tiegħu u/jew ir-rappreżentant maħtur legalment.

Kwalunkwe oġġetti miġjuba fir-residenza għandhom jibqgħu l-proprjetà tar-resident u ma għandhomx jintużaw minn ħaddieħor, jiġu ttrattati bħala proprjetà komunali, jew jintremew mingħajr il-kunsens tar-resident jew tal-qraba tiegħu u/jew tar-rappreżentant maħtur legalment.

5. Trattament ugwali:

Ir-residenti kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali, u ma għandhom jiġu ddiskriminati fuq l-ebda bażi, inkluż id-diżabilità u diskriminazzjoni skont l-età. Il-provditur tas-servizz għandu jinvestiga kwalunkwe allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni li jinġiebu għall-attenzjoni tal-maniġment jew tal-istaff u għandu jieħu kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa biex jissalvagwardja l-interessi tar-residenti. Ir-residenti għandhom jitħallew jipprattikaw kull twemmin reliġjuż, b'mod li ma jiddisturbax lil residenti oħra.

6. Interazzjoni u komunikazzjoni xierqa:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-istaff u l-maniġment kollu jikkomunikaw mar-residenti b'mod xieraq, u mhux patronizzanti. Meta jitkellmu ma' resident, l-istaff u l-maniġment għandhom jużaw it-terminu ta' indirizzar u l-lingwa li r-resident jippreferi u għandhom jikkomunikaw b'mod li r-resident jista' jifhem.

7. L-għażla u l-libertà:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti kollha jkunu jistgħu, fil-limiti tal-kundizzjoni tagħhom, jibqgħu kemm jista' jkun awtonomi, inkluż li jitħallew jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess u li dawn jiġu rrispettati, sakemm dawn ma jikkawżawx ħsara lir-resident jew lil ħaddieħor. Fejn meħtieġ, l-istaff għandu jassisti lir-residenti biex jidentifikaw u jesprimu l-preferenzi tagħhom, u għandu jintervjeni biex jiżgura s-sigurtà u l-kumdità tar-residenti li ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet. Ir-residenti li ma jkunux qed jgħixu fi spazju indikat bħala magħluq jew sigur għandu jkollhom il-libertà li joħorġu mis-servizz mhux akkumpanjati sakemm dan ma jkunx ġie indikat bħala riskju għar-resident.

8. Id-drittijiet legali:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li fejn resident jaħtar rappreżentant legali, jew fejn il-Bord dwar il-Kustodja jiddeċiedi li jkun meħtieġ wieħed u jaħtar wieħed, il-provditur tas-servizz għandu jżomm komunikazzjoni ma' dan l-individwu u jinvolvih fir-rigward tal-kura tar-resident u kwalunkwe deċiżjonijiet jew xewqat imfissra minn dan ir-rappreżentant għandhom jiġu ttrattati bħallikieku kienu mfissra mir-resident.

Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi lir-residenti kollha u lill-qraba tagħhom u/jew lir-rappreżentanti maħtura legalment b'aċċess għar-rekords tar-resident, fuq talba, u għandu jħallihom jikkontestaw jew jitolbu emendi biex jiġu kkoreġuti kwalunkwe ineżattezzi, f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

9. It-tmiem tal-ħajja:

Ir-residenti li jaslu fit-tmiem tal-ħajja għandhom jiġu ttrattati b'mod dinjituż u sensittiv, inkluż l-amministrazzjoni ta' serħan mill-uġigħ u kura paljattiva kif preskritti, ipprovduti fl-ispazju tagħhom stess fejn possibbli. Ix-xewqat reliġjużi jew kulturali kollha tar-resident, qabel u wara l-mewt, għandhom jiġu rrispettati. Il-qraba u l-ħbieb għandhom jiġu ttrattati b'mod sensittiv u għandhom jitħallew iqattgħu l-ħin kollu li jixtiequ mar-resident, u ma għandhomx jiġu mgħaġġla wara li r-resident imut. L-iġsma tar-residenti li jmutu għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni u dinjità, u l-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-proċessi assoċjati ma jikkawżawx dwejjaq lill-qraba u jew lil residenti oħra.

Meta resident ikun tilef lil xi ħadd qrib tiegħu, l-istaff għandu jipprovdi appoġġ matul il-proċess ta' niket, u għandu jirreferi lir-resident għand professjonisti xierqa jekk ir-resident jeħtieġ appoġġ addizzjonali.

10. Obbligi:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti kollha u l-qraba tagħhom u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment jiġu mgħarrfa li issa qed jgħixu fi ħdan komunità, u dwar il-ħtieġa li jittrattaw lill-persuni l-oħra kollha fis-servizz u l-affarijiet tagħhom b'rispett, u dwar l-azzjonijiet li l-provditur tas-servizz jista' jieħu f'każ ta' kwalunkwe fastidju, bullying jew imġiba abbużiva oħra mir-residenti jew il-qraba tagħhom jew ir-rappreżentanti maħtura legalment. Il-provditur tas-servizz għandu jgħarraf lill-qraba tar-residenti u/jew lir-

rappreżentanti maħtura legalment li filwaqt li l-provditur tas-servizz jimpenja ruħu li jipprovdi ambjent sikur u kura għar-resident, ir-responsabbiltà legali aħħarija tibqa' dik tal-qraba u/jew tar-rappreżentant maħtur legalment. Il-provditur tas-servizz għandu joqgħod attent li l-maniġment u l-istaff ma jaqbżux il-limiti ta' dan l-irwol.

***Standard* 2: Il-Pjan ta' Kura Personali**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jistabbilixxi l-obbligi tal-provditur tas-servizz biex jivvaluta r-residenti kollha, jistabbilixxi l-ħtiġijiet ta' kura u appoġġ tagħhom, u jidentifika l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex tingħata kura li tiffoka fuq il-persuna.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. It-tfassil tal-pjan ta' kura personali:

Għandha ssir valutazzjoni medika sħiħa u tal-ħtiġijiet tar-residenti l-ġodda, qabel jew mal-ammissjoni. Il-valutazzjonijiet għandhom ikunu ħolistiċi u rigorużi, bl-użu ta' kwalunwke għodod xierqa u b'konsiderazzjoni ta' oqsma bħal riskji ta' waqgħat jew ġrieħi tas-sodda, u l-ħtiġijiet fiżiċi, psikoloġiċi, soċjali u kulturali tar-resident. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li jkun involut tim interdixxiplinarju, u r-resident u l-qraba tiegħu jew ir-rappreżentant maħtur legalment għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw ukoll jekk jixtiequ. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, għandu jitfassal pjan ta' kura personali għal kull resident, li jindika b'mod ċar il-ħtiġijiet ħolistiċi tar-resident u l-azzjonijiet li se jittieħdu mill-provditur tas-servizz biex jiġu ssodisfati dawn il-ħtiġijiet. Il-ħtiġijiet ta' kura immedjata tar-resident għandhom jiġu vvalutati u għandhom jitfasslu pjan ta' kura personali u portafoll li jirriflettu dawn sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem mill-ammissjoni.

2. *Placement*:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-valutazzjonijiet inizjali għandhom jindikaw jekk ir-resident għandux xi kundizzjonijiet, bħal iżda mhux limitati għad-dimenzja jew kwalunkwe indeboliment konoxxittiv ieħor, li jeħtieġu tqegħid f'sala magħluqa jew speċjalizzata biex ittejjeb is-sigurtà tal-klijent, u kwalunkwe rakkomandazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu rrispettati. Sabiex jipprovdi kura speċjalizzata, il-provditur tas-servizz għandu wkoll jakkomoda residenti bl-istess ħtiġijiet u kundizzjonijiet flimkien u għandu jiżgura li jkollhom tim konsistenti ta' staff imħarreġ apposta.

3. Ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-pjan ta' kura personali:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-valutazzjonijiet jiġu aġġornati fuq bażi kontinwa u li l-pjan ta' kura personali jiġi aġġornat regolarment, mill-inqas kull tliet xhur, u b'mod immedjat f'każ ta' okkorrenzi sinifikanti relatati mas-saħħa jew bidliet oħra fil-ħtiġijiet jew kundizzjonijiet tar-resident li jeħtieġu bidliet fl-appoġġ u l-kura li qed jingħataw. Ir-resident u/jew il-qraba tiegħu u r-rappreżentant maħtur legalment għandhom jiġu mistiedna u assistiti biex jipparteċipaw jekk jixtiequ.

**Standard 3: Il-Saħħa Personali u l-kura medika tar-Residenti**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-*Istandard* jistabbilixxi l-obbligu għall-provditur tas-servizz li jipprovdi servizzi tal-kura tas-saħħa biex jissodisfa l-ħtiġijiet tar-residenti u jappoġġja l-benesseri tagħhom, inkluż dawk mediċi u speċjalizzati, u aċċess għal kura ta' emerġenza skont il-ħtieġa. Ir-residenti għandhom jiġu pprovduti wkoll b'opportunitajiet ta' soċjalizzazzjoni ma' residenti oħra u mal-familja u l-ħbieb, u biex jipparteċipaw f'attivitajiet stimulant, b'tifsira u pjaċevoli.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Dieta adegwata:

Il-provditur tas-servizz għandu jkun konxju tal-allerġiji, l-intolleranzi u kwalunkwe ħtiġijiet oħra tad-dieta tar-residenti u għandu jiżgura li dawn jiġu rrispettati. Ir-residenti kollha għandhom jiġu pprovduti b'għażla ta' ikliet u snacks varjati, mibdula regolarment, li għandhom jiġu servuti f'intervalli regolari, b'xarbiet sħan u kesħin disponibbli f'kull ħin. L-iskrinjar u l-valutazzjoni nutrizzjonali għandhom isiru biex jiġi żgurat li r-residenti kollha jkunu idratati u mitmugħa tajjeb, u li kwalunkwe tħassib jitqajjem mal-istaff mediku jew tal-infermiera. Fejn ir-residenti ma jkunux jistgħu jieklu jew jixorbu b'mod indipendenti, ir-responsabbiltà li jiġi żgurat li jibqgħu idratati u mitmugħa tajjeb għandha tkun f'idejn il-provditur tas-servizz.

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li jkun hemm staff imħarreġ u ċċertifikat disponibbli waqt il-ħinijiet tal-ikel biex jassisti lir-residenti li jeħtieġu għajnuna biex jieklu u biex jintervjeni f'każ ta' xi inċidenti ta' tixriq. L-assistenza kollha għandha tingħata b'mod individwali, u r-residenti għandhom jitħallew jieħdu l-ħin kollu li jeħtieġu biex jieklu

2. Valutazzjonijiet u servizzi tas-saħħa:

Is-servizz għandu jkun mgħammar biex jipprovdi valutazzjonijiet u servizzi tal-kura tas-saħħa, kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi, lir-residenti kollha fil-ħin, b'attenzjoni medika disponibbli f'kull ħin. Fejn resident jeħtieġ servizz li ma jkunx disponibbli internament, il-provditur tas-servizz għandu jkun responsabbli biex jagħmel l-arranġamenti kollha biex ir-resident ikollu aċċess għas-servizz meħtieġ xi mkien ieħor.

L-istaff għandu jkun viġilanti u jagħmel valutazzjonijiet regolari biex jiżgura li kwalunkwe deterjorament, kemm fiżiku kif ukoll psikoloġiku, jew l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ġodda bħal ġrieħi tas-sodda jew infezzjonijiet jiġu nnutati u għandu jiżgura li r-resident jiġi vvalutat mill-ġdid u jingħata t-trattament jew il-kura xierqa, inkluż il-forniment ta' kwalunkwe għajnuniet addizzjonali.

3. Medikazzjoni:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-medikazzjoni kollha fir-residenza tiġi mmaniġġjata, maħżuna u amministrata b'mod sikur u ddokumentat, u minn persuni kompetenti biss,

f'konformità mar-rekwiżiti tal-liġi Maltija. Għandu jkun hemm ukoll fis-seħħ sistema għar-rapportaġġ ta' kwalunkwe żbalji mediċi lill-maniġment, lill-Awtorità u lil kwalunkwe entitajiet oħra xierqa. Il-medikazzjoni preskritta tar-residenti għandha tiġi riveduta kull tliet xhur minn professjonist mediku, u jinżamm rekord aġġornat tal-medikazzjoni għal kull resident.

4. Trattament:

It-trattament kollu għandu jiġi spjegat lir-resident, jew lill-qraba tiegħu u/jew lir-rappreżentant maħtur legalment, qabel l-amministrazzjoni. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li fejn resident, jew il-qraba tiegħu u/jew ir-rappreżentant maħtur legalment, jirrifjuta kwalunkwe forma ta' trattament jew kura, jew jixtieq jinjora kwalunkwe rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-professjonisti, dan għandu jiġi ddokumentat mill-maniġment fuq il-formola xierqa u ffirmat mir-resident jew il-qraba tiegħu u/jew ir-rappreżentant maħtur legalment, li jindika l-għarfien dwar kwalunkwe riskji assoċjati. Ir-rifjut ta' kwalunkwe trattament jew medikazzjoni għandu jiġi rrispettat sakemm dan ir-rifjut ma joħloqx riskju għas-sigurtà ta' residenti oħra.

5. Awtokura:

Ir-residenti għandhom ikunu appoġġjati biex iżommu l-kapaċità tagħhom għall-awtokura u l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum. Fejn dan ma jkunx aktar possibbli, l-istaff għandu jassisti lir-residenti fil-ħasil tal-persuna, fil-kura personali u fl-iġjene personali u orali, filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-individwu għad-dinjità waqt li jkun qed jirċievi tali assistenza.

6. Attivitajiet soċjali, rikreattivi u ta' divertiment:

Attivitajiet rikreattivi u ta' divertiment għandhom ikunu disponibbli għar-residenti kollha, inkluż dawk li huma ristretti fis-sodda jew li għandhom ħtiġijiet jew diżabilitajiet partikolarment kumplessi. Ir-residenti għandhom jiġu mħeġġa biex jissuġġerixxu l-attivitajiet, u l-istaff għandu jagħmel ħiltu biex jakkomoda kwalunkwe preferenzi jew interessi mfissra. L-attivitajiet kollha għandhom jiġu adattati jekk meħtieġ biex jiġi żgurat li r-residenti kollha li jixtiequ jipparteċipaw jistgħu jagħmlu dan b'mod sikur, u kkomunikati minn qabel lir-residenti u lill-qraba tagħhom u lir-rappreżentanti maħtura legalment. Ir-residenti għandu jkollhom ukoll opportunitajiet biex jissoċjalizzaw ma' residenti oħra u biex jieħdu sehem f'attivitajiet tal-komunità kemm ġewwa kif ukoll barra r-residenza. Ir-residenti għandhom ikunu liberi li jirrifjutaw li jipparteċipaw fi kwalunkwe attività u li jiddeċiedu ma' min jixtiequ jissoċjalizzaw.

Il-provditur tas-servizz għandu jkun konxju tal-interessi u l-passatempi individwali tar-residenti, u għandu jassistihom biex jinvolvu ruħhom fihom.

7. Rabtiet mal-familja u mal-komunità:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li jinżamm kuntatt bejn il-maniġment, l-istaff u l-qraba tar-residenti u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment, u li l-mistoqsijiet tal-qraba u/jew tar-rappreżentanti maħtura legalment jiġu mwieġba. Il-provditur tas-servizz għandu wkoll jibni rabtiet mal-komunità aktar wiesgħa għall-benefiċċju tar-residenti.

***Standard* 4: Protezzjoni u Salvagwardja**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jippromwovi d-dritt tar-residenti li jgħixu f'ambjent sikur u l-obbligi tal-provditur tas-servizz rigward il-protezzjoni tar-residenti minn ħsara jew periklu. Għandha tibqa' r-responsabbiltà aħħarija tal-maniġment li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tar-residenti kollha f'kull ħin.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Sigurtà:

Il-provditur tas-servizz huwa meħtieġ li jiżgura li l-binja, inkluż il-perimetri kollha, ikunu siguri u strutturalment sodi, u li l-provditur tas-servizz ikun konxju tar-residenti kollha bil-libertà tal-moviment li jkunu ħarġu mill-binja. Is-swali jew l-ispazji kollha indikati bħala magħluqa jew imsakkra għandhom ikunu awtonomi u għandu jkollhom ħruġ u daħliet siguri, li jistgħu jinfetħu biss minn persuni awtorizzati mill-istaff tal-provditur tas-servizz u mis-servizzi ta' emerġenza. Għandu jkun hemm fis-seħħ karatteristiċi ta' sigurtà bħal CCTV, lokkijiet u sensors, iżda dawn ma għandhomx jiksru l-libertà tar-residenti. It-timijiet tal-kura għandhom ukoll iwettqu kontrolli frekwenti fuq ir-residenti matul il-lejl.

2. Indafa:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-binja tinżamm nadifa, iġjenika u mingħajr kwalunkwe kontenut żejjed, irwejjaħ spjaċevoli u perikli għas-saħħa. It-tagħmir kollu fil-binja għandu jitnaddaf jew jiġi sanitizzat regolarment kif meħtieġ, u ssir il-manutenzjoni preventiva u korrettiva kollha meħtieġa.

3. Protezzjoni minn abbuż u periklu:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti jkunu ssalvagwardjati minn kull forma ta' abbuż waqt li jgħixu fir-residenza. Kwalunkwe allegazzjonijiet li jsiru għandhom jiġu ddokumentati bir-reqqa mill-istaff u rrappurtati lill-maniġment, li għandu jinvestiga l-każ. Il-provditur tas-servizz għandu jkun meħtieġ ukoll li jirrapporta kwalunkwe allegazzjonijiet u inċidenti bħal dawn lill-Awtorità, u lill-pulizija fejn il-kwistjoni tista' tkun ta' natura kriminali. Waqt li jkunu għaddejjin kwalunkwe investigazzjonijiet, il-provditur tas-servizz għandu jieħu azzjoni biex jipproteġi lir-residenti minn kwalunkwe persuni li kontrihom ikunu saru allegazzjonijiet ta' abbuż.

4. Saħħa u sigurtà:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li kull servizz liċenzjat ikun ġie evalwat għar-riskju minn persuna bil-warrant u li tfassal pjan ta' azzjoni biex jindirizza kwalunkwe riskji jew perikli. Il-valutazzjonijiet kollha tar-riskju għandhom jiġu aġġornati kull sentejn, u ssir valutazzjoni addizzjonali fejn ikunu qed iseħħu bidliet jew ikun qed isir xogħol li jista' jaffettwa l-livelli tar-riskju. Is-servizz għandu wkoll ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni

komprensiva u jkun konformi mar-rekwiżiti kollha dwar l-aċċessibilità stipulati mill-awtoritajiet Maltin. Is-servizz għandu wkoll ikun iċċertifikat mill-awtoritajiet kollha meħtieġa u jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' reġistrazzjoni. Il-provditur tas-servizz għandu jimplimenta miżuri stretti għall-kontroll tal-infezzjonijiet u pjanijiet ta' emerġenza, u għandu josserva kwalunkwe rakkomandazzjonijiet oħra dwar is-saħħa u s-sigurtà magħmula mill-awtoritajiet kompetenti.

5. Kura restrittiva:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-kura restrittiva tintuża biss biex tiġi żgurata s-sigurtà tar-resident, u tintuża biss bil-kunsens tal-qraba tar-resident u r-rappreżentant maħtur legalment, u bl-awtorizzazzjoni tal-professjonisti mediċi involuti fil-kura tar-resident, inkluż it-tobba u l-membri tat-tim interdixxiplinarju. Għandha tintuża l-għażla tal-inqas restrizzjoni possibbli, u għall-inqas ħin possibbli. Sabiex tiġi minimizzata l-ħtieġa għal kura restrittiva għall-immaniġġjar ta' mġiba diffiċli, l-istaff għandu jimplimenta tekniki ta' dieskalazzjoni kif xieraq għar-resident partikolari.

6. Ilmenti:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li kwalunkwe tħassib jew ilmenti li jitqajmu mir-residenti jew il-qraba tagħhom jew ir-rappreżentant maħtur legalment jiġu reġistrati u mwieġba. Il-maniġment għandu jinvestiga dan ir-rispons kollu u għandu jinvestiga u jinforma lill-ilmentatur dwar ir-riżultat. L-ebda resident, jew il-qraba tiegħu jew ir-rappreżentant maħtur legalment, ma għandhom ikunu s-suġġett ta' xi tpattija talli jqajmu xi tħassib, u l-identità tagħhom għandha tinżamm kunfidenzjali.

## *Standard* 5: L-Ambjent Fiżiku

### Stqarrija tal-Istandard:

Dan l-Istandard jiżgura li r-residenti jgħixu f'ambjent akkoljenti, pjaċevoli u li jiġbed l-attenzjoni, li jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom u li hu ddisinjat biex jimmassimizza l-libertà tagħhom filwaqt li jżommhom sikuri.

### Indikaturi ta' Kwalità:

1. Spazju fiżiku / Bini:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-ispazju fiżiku f'kull sala/kamra jkun adegwat għan-numru ta' residenti. Ir-residenti għandu jkollhom ukoll aċċess għal spazju estern, li għandu jinkludi dawl naturali, postijiet fejn ipoġġu bilqiegħda u ħdura, fil-faċilità. Il-kmamar kollha fil-faċilità għandhom ikunu mdawla adegwatament u ventilati individwalment u b'mod naturali u mekkaniku, bit-twieqi u l-gallariji kollha mgħammra bil-purtieri jew blinds għall-privatezza, u b'karatteristiċi ta' sigurtà bħal skrins u lokkijiet.

2. Amenitajiet:

Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi għamara, stallazzjonijiet, amenitajiet u faċilitajiet lir-residenti li huma komdi għalihom biex jużaw, li jissodisfaw kwalunkwe ħtiġijiet fiżiċi, u li jinkorporaw għajnuniet ta' siġurtà bħal, iżda mhux limitati għal, gradi tat-taraġ, grab rails u kisi kontra ż-żliq fuq il-pavimentar. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li elementi ewlenin, bħan-nursing stations, ikunu viżibbli b'mod ċar u mmarkati, u għandu juża l-kulur biex jassisti lir-residenti fin-navigazzjoni u l-orjentazzjoni. Fiż-żoni użati mir-residenti, ma għandux ikun hemm elementi li jistgħu jkunu perikolużi għar-residenti jew li jiddiżorjentawhom, inkluż madum jew dekorazzjoni bid-disinn.

3. Inkoraġġiment għall-indipendenza:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-binja, kemm il-kmamar u s-swali, kif ukoll il-kumplament tal-faċilità, ikunu mqassma b'mod li jippermetti lir-residenti jsibu triqthom b'mod sikur u indipendenti. Għandu jkun hemm disponibbli amenitajiet u għajnuniet li jippermettu lir-residenti jwettqu l-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, jew partijiet minnhom, bl-aktar mod sikur u indipendenti possibbli.

4. Ambjent adattat għad-dimenzja:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li s-swali u ż-żoni li jospitaw persuni li jgħixu bid-dimenzja għandhom ikunu ddisinjati, imżejna u mgħammra biex jikkalmaw lir-residenti u b'mod li ma jiddiżorjentax jew ifixkilhom. L-ambjent f'dawn iż-żoni għandu jinżamm konsistenti wkoll.

## *Standard* 6: Il-Provvista tas-Servizz

### Stqarrija tal-Istandard:

Dan l-Istandard jippromwovi d-drittijiet tal-utenti tas-servizz relatati mal-użu tas-servizz, li għandu jopera b'mod trasparenti u li għandu jippromwovi l-kontinwità tas-servizz. L-użu tas-servizz għandu jkun kopert bi ftehim tas-servizz li jindika s-servizzi kollha li l-provditur tas-servizz se jagħmel disponibbli għall-utent tas-servizz, u kwalunkwe spejjeż assoċjati.

### Indikaturi ta' Kwalità:

1. Ftehim tas-servizz u dokumentazzjoni:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti kollha u l-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment jiġu pprovduti b'informazzjoni rigward kwalunkwe spejjeż, kundizzjonijiet u obbligi applikabbli assoċjati mal-użu tas-servizz residenzjali. Meta resident jew ir-rappreżentant maħtur legalment tiegħu jidħol fi kwalunkwe kuntratt mal-provditur tas-servizz, huwa għandu jiffirma ftehim bil-miktub u jingħata kopja. Kwalunkwe tibdil fil-kuntratt għandu wkoll jiġi ddokumentat u ffirmat.

2. Operazzjonijiet ġusti:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li fejn id-domanda għas-servizz tkun akbar min-numru ta' sodod disponibbli, il-provditur tas-servizz għandu jistabbilixxi lista ta' stennija għall-utenti prospettivi tas-servizz. L-utenti prospettivi tas-servizz u l-qraba tagħhom u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment għandhom jingħataw informazzjoni aġġornata rigward iż-żmien ta' stennija għal post fuq talba u jistgħu jissottomettu informazzjoni addizzjonali lill-provditur tas-servizz jekk iċ-ċirkostanzi tagħhom jinbidlu. Meta jagħmel l-allokazzjonijiet tas-sodod, il-provditur tas-servizz għandu jagħmel ħiltu biex iqiegħed il-konjuġi jew il-membri immedjati tal-familja flimkien fuq talba tagħhom, sakemm dan ma jikkontradixxix ir-rakkomandazzjonijiet professjonali rigward il-ħtieġa li r-resident jitqiegħed f'sala magħluqa jew imur kontra kwalunkwe speċjalizzazzjoni ta' sala. Fejn il-provditur tas-servizz jopera diversi servizzi jew swali liċenzjati, ir-residenti jistgħu jitolbu trasferimenti bejn is-servizzi meta s-sodod isiru disponibbli. Kwalunkwe rifjut ta' talbiet bħal dawn għandu jkun iġġustifikat mill-provditur tas-servizz.

3. Il-finanzi u l-affarijiet tal-utent tas-servizz:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti jingħataw assistenza biex jakkwistaw kull oġġett bażiku li jista' jkollhom bżonn. Kwalunkwe transazzjonijiet bħal dawn li jsiru f'isem ir-residenti għandhom jiġu ddokumentati bl-irċevuti. Il-maniġment u l-istaff ma għandhom jieħdu l-ebda vantaġġ mill-finanzi u l-affarijiet tar-residenti, u ma għandhomx jitolbu jew jaċċettaw xi rigali fil-forma ta' flus jew legati.

4. Kuntatt mal-awtorità:

Il-provditur tas-servizz għandu jżomm kuntatt mal-Awtorità fl-interessi tar-residenti, u għandu jżomm lill-Awtorità infurmata b'kull tibdil fis-servizz, inkluż l-espansjonijiet proposti, u b'kull xogħol ta' tisbiħ jew bl-għeluq tas-servizz kollu jew ta' xi parti minnu. Kwalunkwe inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà jew is-saħħa tar-residenti għandhom ukoll jinġiebu għall-attenzjoni immedjata tal-Awtorità. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li r-residenti kollha u l-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment ikunu konxji tal-irwol tal-Awtorità u jiġu infurmati dwar kif jistgħu jagħmlu kuntatt mal-Awtorità. Ir-residenti u l-qraba tagħhom u r-rappreżentanti maħtura legalment għandhom ukoll jitħallew jitkellmu b'mod privat mal-istaff tal-Awtorità meta dan ikun fuq il-post.

5. Servizzi awżiljarji:

Il-provditur tas-servizz għandu jipprovdi lir-residenti b'servizzi oħra barra l-kura tas-saħħa li jistgħu jeħtieġu sabiex isostnu l-benesseri tagħhom. Dawn għandhom jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, aċċess faċli għal networks tal-internet, servizzi ta' telefonija u televixin, provvista ta' programmi dwar il-benesseri, u trasport aċċessibbli. Fejn resident jeħtieġ servizz li ma jkunx disponibbli fil-faċilità, il-provditur tas-servizz għandu jagħmel arranġamenti biex ir-resident ikollu aċċess għas-servizz xi mkien ieħor jew biex il-professjonisti jattendu r-residenza. Il-provditur tas-servizz għandu wkoll jipprovdi lir-residenti b'kull tagħmir speċjalizzat li jistgħu jeħtieġu, bħal siġġijiet tar-roti, paranki, sodod u siġġijiet bl-għoli aġġustabbli, u saqqijiet u mħaded li jserrħu mill-ġrieħi tas-sodda. Għandha tingħata wkoll assistenza lir-residenti li jeħtieġu għajnuna biex joperaw kwalunkwe teknoloġija assistiva jew ta' komunikazzjoni.

6. Tnaqqis ta' tfixkil:

Il-provditur tas-servizz għandu jippjana bil-quddiem biex jiżgura li s-servizz jopera bla xkiel u b'mod kontinwu, u li r-residenti ma jiġux iddisturbati bla bżonn. Għandu jkun hemm fis-seħħ pjanijiet ta' kontinġenza ddettaljati biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet kollha tal-kura tar-residenti jkunu jistgħu jkomplu jiġu ssodisfati fil-każ ta' xi tfixkil (inkluż, iżda mhux limitat għal, mard epidemiku fil-faċilità, azzjoni industrijali, u ċirkostanzi straordinarji oħra). Il-pjanijiet għar-rilokazzjoni tar-residenti għal servizzi oħra jew għal sodod ta' kontinġenza fl-istess faċilità, inkluż il-provvediment għat-trasferiment tal-affarijiet tagħhom u l-għoti tal-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-kura, għandhom jitfasslu u jiġu riveduti kull sena.

7. Responsabbiltà ġenerali:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li meta xi servizzi, bħal iżda mhux limitati għal, catering u ingaġġ ta' staff, jiġu esternalizzati jew sottokuntrattati minn entità oħra, is-servizz ipprovdut għandu jkun konformi mar-rekwiżiti kollha ta' dawn l-Istandards Regolatorji għal Persuni Anzjani. L-Awtorità għandha żżomm lill-provditur tas-servizz liċenzjat responsabbli biex jiżgura li l-Istandards u l-Indikaturi ta' Kwalità kollha jiġu ssodisfati, irrispettivament minn jekk is-servizz huwiex ipprovdut b'mod dirett mil-liċenzjat jew minn terza persuna.

### *Standard* 7: L-immaniġġjar tal-Kwalità tas-Servizz

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jippromwovi d-dritt tal-utenti tas-servizz li jirċievu kura ta' kwalità għolja, u r-rekwiżiti li għandhom ikunu fis-seħħ biex jiġi żgurat li s-servizz ikun ġestit u mmexxi minn numru suffiċjenti ta' staff evalwat b'mod xieraq, li jkun imħarreġ u kkwalifikat biex jipprovdi l-kura speċjalizzata li r-residenti jeħtieġu.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Maniġer reġistrat/Persuna responsabbli:

Il-provditur tas-servizz għandu jaħtar persuna biex taġixxi bħala maniġer tas-servizz, li għandha tkun responsabbli biex tissorvelja l-operazzjonijiet tiegħu. Persuni maħtura biex jiġġestixxu servizz residenzjali għal persuni bi ħtiġijiet ta' kura kronika ta' dipendenza għolja għandhom ikunu professjonisti tal-kura tas-saħħa reġistrati bi kwalifika addizzjonali fil-maniġment. Fejn servizz ikun maħsub biex jipprovdi għal residenti b'karatteristiċi partikolari, il-maniġer għandu jkollu esperjenza u/jew taħriġ f'dak il-qasam jew għandu jirċievi tali taħriġ mal-ħatra. Il-maniġer għandu jkun disponibbli għar-residenti u l-qraba tagħhom u/jew ir-rappreżentanti maħtura legalment u għandu jibda kuntatt magħhom u jsegwi kwalunkwe kwistjonijiet li jitqajmu.

2. Titjib u monitoraġġ tas-servizzi:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-kwalità tas-servizz ipprovdut tiġi evalwata b'mod regolari u indipendenti, filwaqt li jqis il-fehmiet tar-residenti u l-qraba tagħhom u r-

rappreżentanti maħtura legalment. Il-maniġment għandu jippjana għat-titjib tas-servizzi abbażi ta' tali rispons.

3. Dokumentazzjoni:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li tinżamm dokumentazzjoni ddettaljata li tirreġistra l-operazzjonijiet tas-servizz u l-kura tar-residenti. Il-bidliet kollha tax-xift għandhom jinkludu l-handover ta' informazzjoni dwar il-kura, is-saħħa u l-benesseri tar-residenti (inkluż, iżda mhux limitati għall-medikazzjoni, teħid ta' ikel u xorb u tħassib jew kwistjonijiet oħra li jistgħu jeħtieġu monitoraġġ aktar mill-qrib), b'mod partikolari fejn resident jista' ma jkunx kapaċi jikkomunika tali informazzjoni hu stess. Għall-protezzjoni tal-istaff kollu, din l-informazzjoni għandha tiġi ddokumentata.

4. Reklutaġġ u taħriġ tal-istaff:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li l-istaff u l-voluntiera kollha f'kuntatt dirett mal-utenti tas-servizz ikunu segwew korsijiet ta' taħriġ akkreditati, ta' mill-inqas fil-Livell 3 tal-MQF fil-Kura, u taħriġ addizzjonali meta jaħdmu ma' residenti li għandhom ħtiġijiet u kundizzjonijiet partikolarment kumplessi. Il-kwalifiki u l-esperjenza kollha ddikjarati mill-applikanti għandhom jiġu vverifikati qabel l-impjieg, inkluż il-verifika taċ-ċertifikat ta' kondotta nadifa tal-pulizija. Fejn l-istaff ikun assenjat, kemm jekk temporanjament jew b'mod permanenti, lill-provditur tas-servizz minn entità oħra, il-provditur tas-servizz huwa meħtieġ li jivverifika l-kwalifiki, l-esperjenza u ċ-ċertifikati ta' kondotta tal-pulizija kollha qabel ma l-membru tal-istaff assenjat jitħalla jaħdem mal-utenti tas-servizz, u jżomm kopja tad-dokumentazzjoni kollha bħal din. L-istaff kollu, kemm jekk impjegat b'mod dirett mill-provditur tas-servizz jew le, għandu jirċievi taħriġ ta' induzzjoni biex jiġi żgurat li huwa kompetenti biex jaħdem ma' persuni bi ħtiġijiet ta' dipendenza għolja, u taħriġ kontinwu għall-iżvilupp professjonali kontinwu, superviżjoni u valutazzjonijiet tal-prestazzjoni mill-maniġment. Għandhom jinżammu rekords tat-taħriġ kollu u r-riżultat tas-superviżjoni u l-valutazzjonijiet kollha, kemm għall-istaff impjegat b'mod dirett mill-provditur tas-servizz kif ukoll għal dak assenjat lis-servizz minn entità oħra.

5. Il-livelli ta' staff:

Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li f'kull ħin is-servizz għandu jopera bil-proporzjonijiet xierqa tal-istaff meħtieġ biex jiżgura s-sigurtà u l-benesseri tar-residenti kollha. Fejn professjonist mediku jkun indika li resident, jew grupp ta' residenti, jeħtieġu livell ta' attenzjoni li jkun akbar minn dak stipulat mill-Awtorità (bħal superviżjoni fuq bażi individwali, jew kwalunkwe proporzjon ieħor), dan għandu jieħu preċedenza u għandu jiġi ssodisfat mill-provditur tas-servizz mingħajr ma jkollu impatt negattiv fuq il-livell ta' kura u attenzjoni li residenti oħra fis-servizz huma intitolati għalihom. Il-provditur tas-servizz għandu jiżgura li kull sala għandu jkollha mill-inqas infermier reġistrat wieħed disponibbli f'kull ħin, u biżżejjed carers biex jipprovdu s-sigħat ta' kura meħtieġa lir-residenti kollha. Ir-rosters tal-istaff għandhom ikunu ppjanati b'mod li jiżgura li, f'kull ħin, ikun hemm staff disponibbli li jista' jikkomunika kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jużaw liema lingwa jippreferu u jkollhom ix-xewqat tagħhom mifhuma.